



Brussell, 8 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9723/18

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0238 (COD)

CODEC 959
PECHE 205

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-3 ta' Awwissu 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Marzu 2017².

¹ 11636/16.

² ĠU C 75, 10.3.2017, p. 109.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:
- japprova, bil-vot kontra tad-Danimarka, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 14/18;
 - jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum 1 għal din in-nota, li ser jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
 - jordna li d-dikjarazzjonijiet fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 9466/18.